2024/2598

7.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2598

tal-4 ta' Ottubru 2024

li jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905 tas-27 ta' Frar 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi f'annimali jew fi prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet ta' kontroll oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi verifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi. B'mod partikolari, l-Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi li dak ir-Regolament għandu japplika għall-kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mal-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ir-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tista' titlob li l-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti jidħlu biss fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li jidhru f'lista mfassla mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

(2) L-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6 jirrikjedi li, fir-rigward ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni, il-prodotti li ġejjin ma għandhomx jintużaw: (i) prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-fini tal-promozzjoni tat-tkabbir jew taż-żieda fir-rendiment; u (ii) prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku li huwa inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 ([4]).

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj.
([2]) ĠU L 116, 4.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/905/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 tad-19 ta' Lulju 2022 li jiddeżinja l-antimikrobiċi jew il-gruppi ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 20.7.2022, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1255/oj).

(3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/905 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 fir-rigward, fost affarijiet oħra, tal-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw mal-projbizzjoni fuq l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir u ż-żieda fir-rendiment u tal-antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin. Dawk il-kundizzjonijiet jinkludu li l-kunsinni ta' annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali kkonċernati jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li huwa inkluż f'lista mfassla mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

(4) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905, jenħtieġ li dik il-lista tinkludi biss pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, li jkunu ppreżentaw evidenza u garanziji xierqa li l-annimali u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali kkonċernati jikkonformaw mal-projbizzjoni fuq l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir u għaż-żieda fir-rendiment u ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin, inkluża informazzjoni riċevuta dwar il-proċeduri fis-seħħ biex jiġu ggarantiti t-traċċabbiltà u l-oriġini.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li ppreżentaw l-evidenza u l-garanziji msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati jew reġjuni tagħhom li minnhom jistgħu jidħlu fl-Unjoni annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(6) Il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali; stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/905 japplikaw minn 24 xahar wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/399 ([5]). Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll mit-3 ta' Settembru 2026.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi stabbilita fl-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6.

Artikolu 2

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. Il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 fir-rigward tal-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, jiġu mmarkati b' "X", għall-ispeċijiet jew il-komoditajiet rilevanti, fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/399 tad-29 ta' Jannar 2024 li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni ta' ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali u ċerti kategoriji ta' annimali (ĠU L 2024/399, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/399/oj).

2. Il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom, li, għall-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, biħsiebhom jipproċessaw biss annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra elenkati fl-Anness f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huma mmarkati b' "Δ", għall-ispeċijiet jew il-komoditajiet rilevanti, fl-Anness.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Settembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom a li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi stabbilita fl-Artikolu 118(1) tar-Regolament (UE) 2019/6:

		Annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (*)											
Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1])jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ([14])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
AD	L-Andorra	X	X	Δ	X							X	
AL	L-Albanija		X				X ([11])		X				X
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X ([11])	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X M	X	X		X	X	X
AZE	L-Ażerbajġan						X ([13])						
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X ([11])	X	X			X	
BD	Il-Bangladesh						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X					X	X
BW	Il-Botswana	X											
BY	Il-Belarussja				X ([5])		X ([11])	X	X			X	X
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X M	X	X	X	X	X	
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X ([11]) M	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X ([3])	X		X	X ([11]) M	X				X	X
CM	Il-Kamerun											X	
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X		X	X
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Costa Rica						X						
CU	Kuba						X ([12])					X	

		Annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (*)											
Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1])jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ([14])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
DO	Ir-Repubblika Dominicana											X	
EC	L-Ekwador						X						
EG	L-Eġittu												X
ET	L-Etjopja											X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X ([3])				X ([11])						
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X ([11])						
GB	Ir-Renju Unit ([4])	X	X	X	X	X	X ([11]) Δ M	X	X	Δ	X	X	X
GE	Il-Georgia											X	
GL	Greenland		X ([3])								X		
GT	Il-Gwatemala						X ([12])					X	
HK	Il-Hong Kong						Δ		Δ				
HN	Il-Honduras						X						
IL	L-Iżrael ([2])					X	X ([11])	X				X	
IM	L-Isle of Man	X	X ([3])	X			X ([11]) M	X				X	
JE	Jersey	X						X					
JP	Il-Ġappun	X		Δ		X	X ([11]) M	X	X			Δ	X
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X M					Δ	
LB	Il-Libanu											X	X
MA	Il-Marokk					X	X ([11]) Δ M					X	X
MD	Il-Moldova					X	X ([11])	X	X			X	

		Annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (*)											
Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1])jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ([14])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
ME	Il-Montenegro	X	X	X		X	X ([11])	X	X			X	X
MG	Il-Madagascar						X					X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X ([11])	X	X			X	
MM	Il-Myanmar / Burma						X					X	
MN	Il-Mongolja												X
MX	Il-Messiku			Δ			X		X			X	
MY	Il-Malażja					Δ	X						
NA	In-Namibja	X	X ([3])										
NC	Il-Kaledonja Ġdida						X ([12])				X	X	
NI	In-Nikaragwa						X ([12])					X	
NZ	In-New Zealand	X	X				X ([11]) M	X			X	X	X
PE	Il-Perù						X M						
PH	Il-Filippini						X						
PK	Il-Pakistan												X
PM	Saint Pierre u Miquelon					X							
PY	Il-Paragwaj	X											X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X		X ([6])	X	X
RW	Ir-Rwanda											X	
SA	L-Arabja Sawdija						X						
SG	Singapor	Δ	Δ	Δ		Δ	X ([11])	Δ	Δ		X ([7])		
SM	San Marino	X		Δ				X				X	
SV	L-El Salvador											X	

		Annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (*)											
Kodiċi ISO tal-Pajjiż	Pajjiż terz ([1])jew reġjuni tiegħu	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Pollam	Akkwakultura ([14])	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
TG	It-Togo											X	
TH	It-Tajlandja					X	X M	Δ	Δ			X	
TR	It-Turkija					X	X ([11]) M	X	X			X	X
TW	It-Tajwan						X		X			X	
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X ([11]) M	X	X	X		X	X
US	L-Istati Uniti	X	X ([8])	X		X	X M	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X			X				X	X
VE	Il-Venezwela						X ([12])						
VN	Il-Vjetnam						X M					X	
XK	Il-Kosovo ([9])					Δ							
ZA	L-Afrika t'Isfel						M				X ([10])		
ZM	Iż-Żambja											X	

(*) Annimali selvaġġi, prodotti derivati minnhom u prodotti komposti ġew esklużi minn din it-tabella minħabba li dawn il-komoditajiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905 tas-27 ta' Frar 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-użu ta' ċerti prodotti mediċinali antimikrobiċi f'annimali jew fi prodotti li joriġinaw mill-annimali esportati minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni (ĠU L 116, 4.5.2023, p. 1,ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/905/oj).

([1]) Lista ta' pajjiżi terzi u t-territorji tagħhom (mhix limitata għall-pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Unjoni).

([2]) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-amministrazzjoni tal-Istat ta' Iżrael wara l-5 ta' Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

([3]) Speċijiet ovini biss.

([4]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan l-Anness ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([5]) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin maħsubin għall-qatla (biss annimali li jipproduċu l-ikel).

([6]) Renni biss.

([7]) Biss għal kunsinni ta' laħam frisk li joriġina minn New Zealand, destinat lejn l-Unjoni u li jinħatt, bil-ħżin jew mingħajru, f'Singapore u li jitgħabba mill-ġdid fi stabbiliment approvat matul it-tranżitu minn Singapore.

([8]) Speċijiet kaprini biss.

(9) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.
(10) Ratiti biss.
(11) Ħut bil-pinen u prodotti tal-ħut bil-pinen biss.
(12) Krustaċji biss.
(13) Prodotti tal-ħut bil-pinen biss (pereżempju, bajd tal-ħut u kavjar).
(14) L-akkwakultura tkopri l-ħut bil-pinen, fosthom is-sallur, u l-prodotti tal-ħut bil-pinen (bħall-bajd tal-ħut u l-kavjar), u l-krustaċji. Il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati għal molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/405/oj) huma mmarkati b'"M" f'din il-kolonna. Il-pajjiżi terzi bir-rimarka limitata għal "qabda selvaġġa" fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 mhumiex immarkati b'"M" f'din il-kolonna peress li dawk il-komoditajiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905.